**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 369/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Le Brun**

Illum, 19 ta Frar, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Le Brun detentur tal-karta ta' l-identita' numru 447452M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

"F'Awwissu 2007 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozzizjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dwwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsiru uzu minnha specifikat, u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-Vat is-somma totali ta' Lm 36,538.98, ai termini tal-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Settembru, 2017 fejn il-Qorti filwaqt li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li rat l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 310(1)(a) tal-istess Kapitolu 9 kif kien in

vigore fl-2007 skond l-Att III tal-2002, fid-data li fiha giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna, sabet lill-imputat hati ta' l-artikoli imsemmija, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz issospenditha ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H)[1] tal-Kapitolu 9, il-Qorti ordnat lill-hati, ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin elf, mija u tnax-il Euro u tlieta u disghin centezmu (€85,112.93) – ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tletin elf, hames mija u tmienja u tletin Lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (LM36,538.98) lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum, rapprezentanti l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ma gietx imhallsa.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Le Brun minnu pprezentat fid-19 ta' Settembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TANNULLA U THASSAR is-sentenza appellata u TILLIBERAH minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

L-EWWEL AGGRAVJU – L-IMPUTAZZJONIJIET HUMA PALEZAMENT PRESKRITTI.

Fil-mori tal-proceduri giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt gie debitament

---

[1] Jirrizulta li l-indikazzoni mill-Ewwel Qorti ghall-artikolu 28(H) huwa lapsus calami u ghandu minflokk jiqnara bhala l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ivverbalizzat mid-difiza illi ai termini tal-Letter to Prosecute mahruga mid-Dipartiment tal-Vat li kienet isservi bhala rapport ta' reat kif ukoll ikkonfermat bil-gurament minn Paul Scicluna l-ahhar att ta' l-allegat misapproprijazzjoni ta' l-appellant sehh fis-sena 2004.

L-artikolu 293 kif aggravat bl-artikolu 310 kien mibdul diversi drabi tul is-snin. Fil-fatt dak iz-zmien l-artikolu 293 kien regolat bl-Att III tas-sena 2002 (estratt ta' liema gie debitament esebit). Fil-fatt ta' l-istess att (ara Artikolu 64 ta' l-istess Att) kien jistipula illi l-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 293 kif aggravat bl-artikolu 310 (u aktar specifikatament l-artikolu 310(a)) meta dan jeccedi l-elf liri Maltin LM 1,000 kienet dik ta' prigunerija minn 13-il xahar sa 7 snin. Ghalhekk it-terminu preskrittiv ai terminu ta' l-Artikolu 688 huwa ffissat ghal ghaxar snin (ara 688(c)).

Dwar dan l-Avukat Generali kif ukoll l-ewwel Onorabbli Qorti huma konkordanti. Fil-fatt a fol 4 l-ahhar paragrafu l-onorabbli Qorti qalet illi "...il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza illi l-perjodu preskrittiv applikabbli fiz-zmien meta nharget c-citazzjoni, cioe fl-2007, kienet dik ta' ghaxar snin..."

Fil-fatt l-prosekuzzjoni qablet ma' din is-sottomissjonijiet u finalment irrimetiet ruhha ghal din l-eccezzjoni.

L-ewwel Onorabbli Qorti pero', skorrettament, ippruvat targumenta illi kien hemm cirkostanzi illi ssospendew jew adirittura interrempoew il-preskrizzjoni. Fil-fatt ma kien hemm ebda minn dawn ic-cirkostanzi u isegwi illi r-reat huwa preskritt.

(i) Applikazzjoni zbaljata tal-artikolu 83(1) tal-Kap 406 u l-Artikolu 691(2) tal-Kap 9.

L-ewwel Onorabbli Qorti targumenta illi ai termini ta' artikolu 83(1) tal-Kap 406, proceduri jistghu jinbdew biss bil-permess tal-Kummissarju tat-Taxxa. Ghalhekk argumentat illi ai termin ta' artiolu 691(2) tal-Kap.9 t-terminu tal-preskrizzjoni huwa sospiz sakemm inhareg dan il-permess.

Dan huwa legalment skorrett.

Di fatti l-artikolu 83(1) jghid; "Ma ghandom jinbdew beda procedimenti taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju ..." (emfazi mizjud). Fi kliem iehor l-artikolu 83(1) japplika BISS ghal reati kontemplati fil-Kap.406! L-imputazzjonijiet odjerni jikkoncerraw il-mizapproprjazzjoni kif prospettat fil-Kap.9!

Ghalhekk il-provvedimenti ta' l-artikolu 83(1) tal-Kap 406 u konsegwentament l-provvediment ta' l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 ma jsibu EBDA APPLIKAZZJONI fil-kaz odjern.

Hawn si tratta ta' reat ta' allegat mizapproprjazzjoni aggravat bil-valur ai termini tal-artikolu 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali li huwa reat li ghandu jitmexxa EX OFFICIO!

Se mai l-letter to prosecute, li ma kenitx mehtiega skont il-ligi (non essendo reat jew imputazzjoni ta' reat ta' VAT) ghandha titqies biss bhala rapport formali ta' reat, fi kliem iehor kaz ta' notizie criminis, li ma ghandhiex l-effett illi tissospendi jew tinterrompi l-preskrizzjoni.

Ghalhekk iz-zmien rilevanti ghal fini ta' preskrizzjoni tibqa s-sena 2004 u s-snin ta' qabel kif indikat fix-xhieda tar-rapprezenant tal-VAT, Paul Scicluna.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan il-kaz ma kienx wiehed fejn l-Pulizija Ezekuttiva talbet il-permess tad-Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, izda kien l-istess Direttur li talab lill-Pulizija sabiex jipprocedu kriminalment. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Caruana (24.07.2000), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet osservat li l-artikolu 691(2) tal-Kodici Kriminali ma kienx japplika ghal dak il-kaz peress li l-inizjattiva ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni ittiehdet mid-Dipartiment tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u mhux mill-Pulizija Ezekuttiva; ghalhekk ma kienx il-kaz li l-Pulizija Ezekuttiva talbet il-permess tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa kif kontemplat

fl-artikolu 67(1) ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, izda kien l-istess Direttur li permezz ta' l-ekwivalenti ta' kwerela talab lill-Pulizija sabiex jipprocedu kriminalment. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li c-cirkostanzi fil-kaz in dizamina huma <u>identici</u>.

(ii) Applikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 693(2) tal-Kodici Kriminali

L-ewwel Onorabbli Qorti argumentat illi ai termini t' l-artikolu 693(2) galadarba l-akkuzi gew intavolati (anke jekk notifikati formalment) fis-6 ta' Awwissu 2007, dan ghandu l-effett illi jinterrompi l-prekrizzjoni (ara –l-ahhar ta' fol 6 u l-bidu ta' fol 7 tas-sentenza).

Bir-rispett kollu dan l-argument huwa legalment zbaljat.

Fl-ewwel lok l-Ispettur Maurice Curmi kien skjet, illi minkejja illi huwa effettivament kien ha stqarrija ta' l-imputat malli wasal ghandu r-rapport mid-Diparitment tal-VAT, huwa jikkonferma illi:

1) QATT MA NFURMAH ILLI EFFETTIVAMENT SER JITTIEHDU PASSI KONTRA TIEGHU;

2) QATT MA NNOTIFIKAH QABEL LULJU 2017 BIL-KAWZA;

3) MA KELLUX RBIT LI JIBQA MALTA.

4) KIEN WARA T-TRAPASS TA' DIVERSI SNIN WARA LI L-IMPUTAT KIEN DAM GEJ U SEJJER MINN U LEJN MALTA ILLI INTALAB ALERT FUQU.

In-nuqqas ghalhekk kien tal-pulizija li jinnotifikawh u mhux ta' l-imputat li nheba. Fil-fatt l-ispettur QATT MA JINSINWA illi l-imputat beda jinheba. U jekk kien qed jinheba x' gie jaghmel Malta u ghaddha mill-Immigration Office mil-Inghilterra fejn ma hemmx Schengen Arrangement?

Minkejja dan l-ewwel Onorabbl Qorti rriteniet illi ai termini ta' l-artikolu 693(2) tal-Kap. 9. il-preskrizzjoni giet interrotta bil-prezentata tac-citazzjoni fis-6 ta' Awwissu 2007 minkejja li l-imputat ma giex innotifikat.

Fil-fatt l-artiokolu 693(2) jaqra hekk:

*Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat tal-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.*

Mix-xhieda ta' l-ispettur jirrizulta illi huwa qatt ma nforma lill-imputat li kienu ser jittiehdu passi, qatt ma nnotifika lill-imputat bic-citazzjoni u li l-imputat ma kellux irbit li jitlaq minn Malta.

Issa l-artikolu 693(2) ifisser illi jekk ikun hemm mandat ta' arrest allura dan ghandu l-effett li jinterrompi l-preskrizzjoni. MANDAT TA' ARREST MA NHARIGX.

L-artikolu 693(2) ighid illi kemm-il darba l-imputat ikun mahrub jew jinheba allura l-preskrizzjoni tkun interrotta mal-prezentata ta' att gudizzjarju. Il-Qorti donnha tindika li dan kien il-kaz fil-kaz odjern u ghalhekk hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Dan huwa zbaljat ghal diversi ragunijiet. L-imputat la harab u lanqas inheba. Zmien wara li l-interrogatorju iddecieda illi legittimanent imur ighix l-Inghilterra. Kif ighid l-Ispettur huwa ma kellux irbit jew impediment legali u telaq legittimament minn Malta. Huwa telaq minn Malta u kien jigi regolament Malta di fatti huwa twaqqaf l-ajruport ta' Malta waqt btala. Huwa siefer zmien qabel ma nhargu l-akkuzi.

Issa dan l-artikolu ma ghandu QATT jinftiehem illi merament ghaliex persuna tghix barra allura z-zmien preskritti jew interrot. Trid issir prova illi kien hemm diversi tentattivi ghal notifika li fallew sabiex ikun meqjus li hemm interruzzjoni. Ma jistax ikun il-kaz li l-pulizija ghaliex ma dehrilhomx li johorgu notifika allura jistghu jistriehu fuq l-artikolu 693(2) awtomatikament. Il-prova tad-diversi tentattivi tan-notifika tispetta

lill-proskeuzzjoni. F'dan il-kaz ma hemm EBDA prova dwar it-tentattivi ta' notifika. Isegwi ghalhekk li tistax tkun applikata l-artikolu 693(2) f' dan il-kaz. Huwa evidenti illi l-pulizija raqdu fuq il-kawza u b' kumbinazzjoni wara li aktar minn ghaxar snin wara r-reat hargu alert fuqu ccumbaw lill-appellant fl-arjuport ta' Malta. Dan in-nuqqas u tkaxkir ta' saqajn ta' pulizija ma ghandux ikun ippremjat u ma jista' qatt ikun il-kaz illi l-artikolu 693(2) jiskatta awtomatikament.

Is-sottomissjonijiet fil-paragrafi precedenti huma msejjsa mhux biss fuq il-logika izda anke fuq dak li tghid il-gurisprudenza taghna fir-rigward ta' din id-disposizzjoni. Per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Vincent Cilia (02.09.1998), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li sabiex mandat ta' arrest jinterrompi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 693(2) tal-Kodici Kriminali, certament m'huwiex bizzejjed li jinghad li l-imputat qed jinheba sempliciment ghax, per ezempju, giet esibita riferta wahda li tghid "not traced". Fil-kaz in dizamina lanqas ma giet esibita riferta wahda, multo magis saret il-prova li l-esponent harab jew abskonda!

Ghalhekk lanqas l-artikolu 693(2) ma jsib applikazzjoni fil-kaz odjern u z-zmien rilevanet ghall-preskirzzjoni tibqa s-sena 2004 u snin ta' qabel.

Fid-dawl tas-suespost l-appellant umilment jissottometti illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Effettivament ir-reat huwa preskritt kif sollevat mill-appellant fil-mori tal-kawza.

It-TIENI AGGRAVJU – MA HEMMX PROVI DWAR MISAPPROPRIJAZZJONI

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost l-appellant jissottometti illi prova dwar l-allegat mizapproprjazzjoni ma kienx hemm fil-kawza odjerna. Fil-fatt fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Onorabbli Qorti qablet mas-sottomissjonijiet tad-difiza illi ghall-mizapproprijazzjoni irid ikun hemm fis-succint:

1) Kunsinna ta' l-oggett

2) Ghal radd lura ta' l-ogett jew uzu specifiku

3) Konverzjoni ta' l-oggett hekk moghti

4) Bi qliegh ghal dik il-persuna jew terz.

Dawn l-elementi gew ripetutament issottolinjati f'gurisprudenza Maltija fosthom fil-kawza Il-Pulizija vs Enrico Petroni deciza nhar id-9 ta' Gunju 1998 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Id-difiza sottomettiet illi l-ewwel element (probabilment l-iktar element essenzjali) ma giex ippruvat. Jekk ma kienx hemm kunsinna ta' l-oggett kif wiehed jista' qatt jikkometta mizaproprijazzjoni ta' oggett li ma giex fil-pussess/detenzjoni tieghu?!

Il-Qorti taghmilha fatta illi l-appellanta irceviet il-flus u kkonvertiethom u dan fl-ahhar paragrafu a fol 11 tas-sentenza meta tghid:

"Ma hemmx dubbju li skont il-ligi, is-socjeta' in kwistjoni kienet obbligata li taghmel uzu specifiku minn dawk il-flus li gabret mill-invoices..."

Il-kwistjoni hija illi l-ewwel onorabbli Qorti kienet skorretta ghall-ahhar meta rriteniet illi l-appellant jew is-socjeta' tieghu thallset l-invoices. Fil-fatt dan il-fatt MIN IMKIEN MA JIRRIZULTA u DIN KIENET PROVA ESSENZJALI LI KIENET TISPETTA LILL-

PROSEKUZZJONI.

IRONIKAMENT DAK LI PPRUVAT IL-PROSEKUZZJONI KIEN L-OPPOST: u cjoe' li ma kienx hemm prova illi effettivament l-appellant u s-socjeta' tieghu kienu thallsu l-flus ta' l-invoices!

Di fatti dan il-punt kien il-mertu tal-kontroezami tar-Rapprezentant tal-VAT, Paul Scicluna. Di fatti fil-kontroezami jirrizulta illi:

1) L-appellant obbligat bil-ligi illi jimla d-denunzji tat-taxxa tal-VAT a bazi tal-invoices li johrog, ANKE JEKK DAWN MA THALLSUX LILL-APPELLANT;

2) Id-dipartiment tal-VAT MA GHANDU EBDA PROVA ILLI L-INVOICES KIENU THALLSU MID-DEBITURI TA' L-APPELLANT

Bir-rispett kollu jekk id-Dipartiment tal-VAT u l-Pulizija ma ghandhomx il-prova illi l-invoices thallsu, ossia illi l-flejjes dikjarati fid-denunzji relattivi ircivihomx l-appellant u s-socjeta' tieghu, kif setghat tasal ghal dik il-konkluzzjoni il-Qorti?!

Din hija prova essenzjali u spettanti lill-prosekuzzjoni peress illi jekk ma ssirx il-prova illi l-flus waslu ghand l-appellant kif setgha qatt issir il-prova tal-misapproprjiazzjoni konsegwenzjali!

Ta' min ifakkar illi Paul Scicluna, rapprezentant tal-VAT stess jidikjara illi d-denunzja ma hix prova ta' hlas ta' flus izda biss PRESUNZJONI.

Dan il-punt gie ukoll deciz minn din il-Qorti kif diversjament presjeduta fil-kawza Il-Pulzija vs Mark Spiteri deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il- 11 ta' Dicembru 2014:

''Illi l-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qal is-Sur Paul Scicluna (rapprezentant tad-Dipartiment taxTaxxa fuq il-Valur Mizjud) meta fid-depozizzjoni tieghu huwa qal li kummercjant huwa obbligat jiddikjara it-tax invoices kollha anke jekk ma thallasx

taghhom. Pero l-Qorti tinnota li l-kaz odjern jirrigwarda allegat misapproprjazzjoni da parte tal-imputat. Wiehed mill-elementi tar-reat imsemmi huwa li persuna tircievi flus jew xi haga ohra minn ghand xi hadd. Jirrizulta li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud iqies li dan l-element gie pruvat a bazi ta' dak li jirrizulta mid-denunzji sottomessi mill-imputat (a fol. 86). Apparti minn dan, meta r-rapprezentant tad-dipartiment imsemmi gie mistooqsi jekk id-dipartiment ghandux prova li l-imputat laqa' ghandu jew ircieva dan il-pagament li qieghed jinghad li gie misapproprjat, ir-rapprezentant wiegeb: "Le d-dipartiment kien qed jikkontendi li s-Sur Spiteri ddikjara tlitt denunzji partikolari li gew a konjizzjoni ta' d-dipartiment pero ma hallashomx" (a fol. 85). Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li dan m'huwiex bizzejjed sabiex jigi pruvat ir-reat ta' misapproprjazzjoni. Minkejja li l-imputat issottometta d-denunzji in kwistjoni, li huwa kien obbligat jissottometti minhabba li kien obbligat jaghmel hekk, u minkejja l-ammonti ndikati fl-imsemmija denunzji, dawn il-fatti per se mhumiex bizzejjed sabiex sodisfacentement jippruvaw li effettivament l-imputat ikkommetta r-reat ta' misapproprjazzjoni. Qieghed jinghad hekk peress li ma giex sodisfacentement pruvat li l-imputat gabar l-ammonti ndikati fid-denunzji in kwistjoni.''

L-ewwel Onorabbli Qorti apparti li ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti ghamlet ukoll konsiderazzjoni ulterjuri erronji.

*(i) Il-kawza ta' Pulizija vs Mark Spiteri (hawn fuq surreferita) hija identika ghal kawza in ezami*

L-ewwel Onorabbli Qorti donnu riedet tiskarta din is-sentenza milli tqisha relevanti ghall-kawza odjerna peress illi skont l-istess Qorti, l-imputat hallas l-import tad-denunzja wara l-allegat reat. Skont il-Qorti din taghmel id-differenza kollha (ara l-ahhar para fol 8 u l-ewwel para a fol 9).

Dan ma hux korrett. Kif jistghu atti sussegwenti l-allegat reat, ixejnu jew ibiddlu l-allegat reat gja' kommess?

Il-fatt illi bniedem jahsel is-sikkina wara omicidju, ibiddel ir-reat, il-fatt illi bniedem

jipparkja l-vettura korrettament wara li saqha minghajr assikurazzjoni jew licenzja, ibiddel ix-xorta tar-reat?

Bl-istess mod illi jekk Mark Spiteri wara l-allegat reat hallas dak li kellu jhallasx ma kellux ixejjen l-allegat mizaproprjiazzjoni precedenti. Se mai dik tittiehied in konsiderazzjoni ghal fini ta' piena izda mhux kolpevolezza.

Jekk ghalhekk fil-kawza ta' Mark Spiteri gie deciz illi denunzja ma hix prova ta' pagament u d-denunzja u nuqqas ta' hlas ta' VAT ma jwasslux ghar-reat ta' mizaproprijazzjoni, bl-istess mod f' din il-kawza id-denunzja ma hix prova ta' hlas, u fl-assenza ta' prova ta' hlas l-appellant irid jigi illiberat mill-akkuza ta' mizaproprijazzjoni.

*(ii) Uzu skorrett ta' stqarrija ta' l-imputat*

L-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tiggustifika il-konkluzzjoni taghha taghmel uzu mill-istqarrija ta' l-imputat. Il-Qorti tirrikonoxxi illi din l-istqarrija ttiehdet fl-assenza tal-avukat u minghajr ma kellu dritt ta' parir legali.

Il-Qorti hasset il-htiega illi tirrikorri ghall-istqarrija sabiex tiggustifika l-htija fl-assenza ta' provi ohra!

Hemm diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appel Kriminali u huwa pacifiku illum illi f' kazi bhal dawn ma ghandha ssir ebda riferenza ghall-istqarrija ta' l-imputat meta l-istess stqarrija hija l-unika prova kontra l-imputat innifsu.

Di fatti, fil-kawza Il-Pulizija vs Jason Cortis deciza nhar is-6 ta' Ottubru 2016 il-Qorti qalet is-segwenti:

*"Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Deborah Osmond, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013. F'dak il-kaz, l-ewwel Qorti strahet fuq il-gurisprudenza vigenti dak iz-zmien ossia Il-Pulizja vs Alvin Privitera, il-Pulizija vs Mark Lombardi u il-Pulizija vs Esron Pullicino, u ddikjarat illi nnuqqas ta' assistenza legali*

*kien leziv tad-dritt fundamentali tal-bniedem, kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u peress illi ma rrizultawx xhieda ohra oltre din l-istqarrija, iddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha."*

Dan huwa principju baziku dettat minn ordni superjuri ossia d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, senjatament id-dritt ta' assitenza u process xieraq. Dan il-fatt johorg car fil-kawza Il-Pulizija vs David Falzon deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-19 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti rrimarkat illi:

*"Sentenzi aktar recenti, ukoll hadu l-istess binarju, u fil-fatt il-Qrati taghna ghamluha cara li ghalkemm tali stqarrijiet m'ghandhomx jigu sfilzati minn l-Atti, il-Qrati jew il-gurati, skont il-kaz, xorta ghandhom ikunu kawti meta jigi biex jiggudikaw persuna a bazi ta' stqarrija jew konfessjoni maghmula minnu, minghajr assistenza legali, specjalment meta tali jikkostitwixxu l-unika prova kontra l-akkuzat.*

*Ghalhekk, mhux safe li Qorti ssib htija biss fuq stqarrija jew konfessjoni rilaxxata minn persuna, meta l-persuna tkun rilaxxat din l-isqarrija jew konfessjoni minghajr ma tinghata l-fakulta li tikkonsulta ma' avvukat qabel taghmel dan, u ghalhekk bi ksur taddrittijiet fundamentali tieghu, u cioe' d-dritt ta' smiegh xieraq matul il-proceduri."*

Ghalhekk l-uzu ta' l-istqarrija f' dan ic-cirkostanzi huwa kompletament zbaljat u l-Qorti, in linja ma ' gurisprudenzza lokali, messha skartat l-istess.

Ironikament fl-istqarrija l-appellant stess ighid illi kien hemm diversi flejjes li qatt ma thallas taghhom. Dan pero' l-Qorti ma taghtu ebda piz. Ghalhekk bir-rispett kollu dato ma non concesso illi l-istqarrija kellha tintuza isegwi l-Qorti kellha tuzaha kollha, u l-Qorti kellha tara illi jekk hemm ammissjoni tara ghal liema parti tapplika u jekk hemm dikjarazzjoni tiskolpa tapplikaha wkoll.. Fil-fatt id-dikjarazzjoni ta' l-imputat hija vaga WISQ biex din tista qatt tintuza biex issib htija. Lanqas ma sar allacjatament illi l-ammissjoni in parte ta' l-imputat hija relatata mal-imputazzjoni odjerni. Allura kif qed tasal ghal din il-konkluzzjoni l-ewwel Onorabbli Qorti?!

Il-Qorti trid tasal ghal decizzjoni ibbazata fuq provi oggettivi u konkordanti u mhux fuq kongetturi.

Ghalhekk jirrizulta illi ma hemm ebda prova oggettiva li turi illi l-ammont ta' mizaproprijazzjoni li akkuzat l-imputat effettivament thallas lill-imputat, u li l-appellant susegwetnament ikkonvertih a beneficcju tieghu jew terz. Fuq l-insejament tal-sentenza **Pulizija vs Mark Spiteri** l-appellant ghandu jigi illiberat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,
Illi l-Prosekuzzjoni prezentat estratt tac-certifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-appellant. Fis-seduta tas-sbgha (7) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009), l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi informa lil Qorti li l-imputat jinsab imsiefer. F'dik is-seduta, il-Qorti diversament preseduta mill-Qorti li sussegwentemennt iddeciediet is-sentenza appellata, iddiferiet il-kawza *sine die*.

Fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Kummissarju tal-Pulizija talab sabiex il-kawza tigi riappuntata u b'hekk jitkompla s-smiegh tal-kawza. L-Ewwel Qorti laqghet it-talba u riappuntat il-kawza ghal dak in-nhar stess.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **L-Ufficjal Prosekutur Maurice Curmi** li qal li qed jipprezenta estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u l-fedina penali tal-imputat. Dawn jirrizultaw a fol 2 u 3 tal-process. Prezenta *letter to prosecute* mid-Dipartiment tal-VAT datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) immarkata bhala Dok MC1 kif ukoll stqarrija rilaxxata mill-imputat

wara li kien inghata s-solita twissija nhar it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) immarkata bhala Dok MC2.

Xehed li f'ittra datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) Paul Scicluna fil-kapacita' tieghu ta' Ufficjal tal-VAT fid-Dipartiment tal-VAT kien talab lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiprocedi kontra Charles Lebrun li huwa l-imputat fil-kapacita tieghu bhala Direttur ta' Clenwell Services Limited bin-numru tal-karta tal-identita' 447452M minhabba li kien fis-snin precedenti issottometta returns tal-VAT fejn iddikjara ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT, imma dan baqa' ma hassalhomx. Xehed li l-ammont komplessiv kien tela' ghas-somma ta' sitta u tletin elf, hames mija u tmienjau tletin liri Maltin u kovertit f'Ewro jigu tmienja u tmenin elf, erba mija u erbgha u ghoxrin ewro.

Xehed li sussegwentement kien baghat ghall-imputat fejn irrilaxxa stqarrija dwar dan kollu u xi zmien wara gew issottomessi l-akkuzi relevanti in kwistjoni fil-Qrati pero nel' frattemp l-imputat kien siefer min Malta u ghamel x zmien twil baqa' ma rritornax u allura ma kienx gie notifikat bic-charges in kwistjoni minkejja li '*forsi wiehed jista jghid*' li kienu avzawh x'kienu behsiebhom jaghmlu. Dakinhar li hadulu l-istqarrija ma kienx ta' l-ebda impressjoni li kien bihsiebu li jsiefer. Pero' dan ma kellu l-ebda rbiet jew xi haga li zzommu dak iz-zmien li jibqa' hawn Malta. Susegwentement ghamlu alert ghax il-qraba tieghu jihdirlu l-familja tieghu kienu jghidulhom li kien qieghed imsiefer ghal dejjem l-Ingilterra. Spjega li '*konna ghamilna alert biex jekk kemm il-darba jirritorna Malta, nindunaw bih, pero' ghal xi raguni, zgur li dahal, qatt ma' gie dedected, hlief ghajr ghal xi jumejn ilu meta kien hiereg minn Malta u ser isiefer lejn l-Ingilterra, fejn indunaw bih li kien qieghed fuq il-wanted list. U ghalhekk imbghad sussegwenntament innotifikajtu bil-gurnata tal-Qorti tal-lum u deher hawnhekk illum.*'

In kontro-ezami qal li l-*letter to prosecute* hija datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) pero' z-zmien li fih suppost issottometta dawn l-ammonti ta' flejjes kienu jaslu sa' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) jigifieri sa sentejn qabel. Ikkonferma li l-ahhar att kriminali kien fl-elfejn u erbgha (2004) u d-data tal-istqarrija

kienet fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007). L-akkuza inharget f'Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007). Id-data tal-akkuzi kienet is-sitta (6) ta' Awissu meta ssottomettiha fiir-registru tal-Qorti. Mistoqsi dwar id-data tar-riferta pozittiva, wiegeb '*Essagg qatt ma' kien innotifikat. Il-bierah bazikament nista nghid.*' Ikkonferma li l-unika riferta li ghandu hija s-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017). Ikkonferma li jidher li l-ahhar qatt kriminali sehh fl-elfejn u erbgha (2004). Mistoqsi qalbux il-passaport tas-Sur Lebrun, jekk ghandux indikazzjoni jekk mill-elfejn u sebgha (2007) sal-elfejn u sbatax (2017) jekk dahalx Malta ghax skont l-Avukat Difensur jigi t-timbrat ghax *non schengen* l-ingilterra, wiegeb li hawnhekk ma jkunx, meta jidhol Malta ma jkunx.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) gie vverbalizzat li '*Dr Stefano Filetti ghad-difiza jirrileva illi peress li l-imputat gie notifikat fis-6 ta' Lulju 2017 ghal allegat reat li sehh fil-perjodu 2004 u fis-snin ta' qabel qieghed jeccepixxi il-preskrizzjoni.*'

Filwaqt li fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) gie vverablizat ukoll li '*Dr Stefano Filletti ghall-akkuzat jirrileva in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, illi l-ahhar att formali tar-reat sehh fl-2004. Qari tal-artikolu 293 kif aggravat bl-artikolu 310, juri kif il-piena fl-artikolu 310 gie mibdul diversi drabi tul is-snin. Peress illi l-ahhar att formali sehh fit-2004, il-ligi dak iz-zmien kienet regolata bl-att 3 tal-2003. Qieghed jigi esebit estratt ta' dan l-att bhala Dok SF1. L-artikolu 64 ta' dak l-att kien jemmenda il-piena tal-artikolu 310 u dak iz-zmien il-paragrafu 310(1)(a) kien jiprovdi illi kull frodi in eccess ta' elf (1000) liri Maltin kellu prigunerij minn tlettax-il xahar sa seba' snin. L-artikolu 688 li jiddefinixxi it-termini ta' preskrizzjoni ma nibidilx mis-sena 1996. Ghalhekk, ghal reat li jgib piena massima ta' seba' snin il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 688(c) huwa dak ta' gahxar snin. Jirrizulta ghalhekk illi ddawn il-proceduri kollha huma palesament preskritti f'ghajnejn il-ligi.*

*Dr Filletti ghall-imputat qieghed jitlob lill-Avukat Generali jirregola ruhu fid-dawl ta' din l-eccezzjoni peress li din il-qorti, essendo Qorti Istruttorja, ma tistax f'dann l-istadju tippronunzja ruhha fuq il-preskrizzjoni, u ftit jaghmel sens li nghaddu mill-process kollu tal-provi meta il-kaz*

*huwa preskritt, u f'kull kaz, kawzi bhal dawn jigu in ogni caso decizi mill-Qorti tal-Magistrat bhala Gudikatura Kriminali. Id-difiza, in vista ta' dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali, titlob lill-Avukat Generali jikkonsidra jew johrog nulle prosequir jew titlob il-konverzjoni ta' din il-qorti minn Istruttorja ghal Gudikatura Kriminali sabiex din l-eccezzjoni preliminri tigi deciza f'dan l-istadju u mhux intawwlu dawn il-proceduri inutilment.'*

Skont il-verbal tal-istess seduta, tnizzel li '*Il-qorti taqbel limitatament mas-sottomissjoni tad-difiza illi fil-kompetenza prezenti taghha bhala Qorti Istruttorji, hija ma tistax tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tad-difiza tal-preskrizzjoni imma il-funzjoni taghha hija limitata biss li tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza jew le. Ghaldaqstant hija tordna lill-Ufficjal Prosekutur sabiex fis-seduta li jmiss iressaq il-provi tal-Prosekuzzjoni.*'

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **Paul Scicluna** stazzjonat il-VAT Department li qal li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) hu f'isem il-Kummissarju kien baghat ittra lil Pulizija sabiex jiehdu passi kontra Charles Le Brun li kien direttur ta' Cleanwell Services Ltd. Dak iz-zmien fil-VAT department kien inkarigat mill-Prosection Unit, kien iffirma id-dokument f'isem il-Kummisarju fejn kien talab lil Pulizija jinvestigaw lil Charles Le Brun peress li kien direttur tas-socjeta Cleanwell Services Ltd minhabba l-fatt li kien dahhal xi denunzji imma ma hallashomx. Il-perjodu kien jibda jiddekorri minn Gunju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) sa Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) ghal ammont ta' LM36,538 dak iz-zmien. B'referenza ghal Dok MC1 a fol 22 u 23 tal-process huwa kkonferma li hija l-ittra li ghamel referenza ghaliha li baghat lil pulizija iffirmata minnu f'isem il-Kummissarju. Mistoqsi jekk huwiex f'pozizzjoni jghid jekk thallas xi ammont minnhom wiegeb li ma ccekjax. Sa fejn jaf hu l-ammonti baqghu l-istess. Huwa prezenta '*formola tar-registrazzjoni ta' Charles Le Brun, registration form, iffirmata mis-Sur Charles Le Brun f'isem is-Socjeta*' Din ir-registrazzjoni ghall-VAT giet immarkata bhala Dok PS 1. Prezenta ukoll vera kopji ta' tlettax (13) -il denunzja li ghamel referenza ghalihom li jiddekorru minn Gunju ts-sena elf, disa' mija u sitta u

disghin (1996) sa Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004). Dawn gew immarkati komplessivament bhala Dok PS 2.

In kontro-ezami ikkonferma li l-ahhar denunzja hija ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004). Mistoqsi jekk il-letter to prosecute kinitx allegazzjoni ta' misappropjazzjoni wiegeb li mhux allegazzjoni, kienet konferma li fil-fatt dahlu d-denunzji li baqghu ma' thallsux fid-Dipartiment. Ikkonferma li l-akkuza hija ta' frodi. Spjega li l-parti tal-VAT iddikjarata li ngabret imma ma' tkunx thallset. Mistoqsi jekk is-sistema tal-VAT tas-Sur Le Brun fid-dikjarazzjoni jimliha abbazi tal-invoices li johrog. Wiegeb li jrid jistabilixxiha fid-Dipartiment ghax jiddependi l-business li jkun. Spjega li hemm certu business jahdmu on a cash basis. Jghid li id-differenza hija li persuna tiddikjara ammont u jekk ma' thallsitx, tiddikjarah xorta wahda. Spjega li hemm zerwg tipi ta' businesses, hemm dawk li '*huma cash basis, li obbligati li jiddikjaraw dak l-ammont li thallsu tiehu u jitolbu l-VAT fuq l-ammonti li hasslu biss. U mbghad em it-tip l-iehor li huwa ..... basis. Li jiddikjara kollox anke jekk ghadu ma' thallas xejn*.' F'dan il-kaz partikolari, ma ghandux f'liema stadju l-kumpanija kienet tinsab dawk iz-zminijiet.

Issugeriet mill-Avukat difensur li s-sistema f'dan il-kaz kien li '*nohrog invoice, mhallsa jew mhux imhallsa, jien, fid-denunzja rrid niddikjara dak il-VAT, U d-Dipartiment jippretendi l-hlas ta' VAT fuq l-invoice, anke jekk l-invoice effetivament ma' thallsitx.*' wiegeb li hekk hu '*pero' ghax ..... basis, anke jekk hu jkun xtara xi konsenja u ma' hallas xejn, xorta ghandu d-dritt .... l-VAT fuqha mal-ewwel.*' Ikkonferma li jekk johrog invoice u jibqa' ma jithallas xorta fuq dik id-denunzja irid ihallas il-VAT. Mistoqsi '*Jigifieri, l-fatt biss illi persuna timla d-denunzja, li tkun on a ... basis, ma' jfsissirx allura li laqa' ghandu l-flus u naqas illi jithom lid-Dipartiment? Kull ma' qed jirregistra fid-denunzja huwa l-fatt li hareg invoice, mhux ukoll li thallas.*' Wiegeb '*Iva, naqbel, pero' ghandni mhux fi stadju li s-Sur Le Brun kienx jopera din is-sistema jew le.*'

In ri-ezami mistoqsi '*F'kaz li l-imputat kien qieghed fuq a cr... basis, u f'kaz ukoll li ddikjara xi pagamenti li effettivament ma' jkunx thallas, hemm xi rimedju iehor li wiehed jista jaghmel?*' Wiegeb '*Iva, hemm Article 10 tal-..... schedule fejn hemm, pero' dika ssir wara mbghad. Ghax*

*inti ma' tkunx taf jekk hux ser ihallsek jew mhux ser inhallsek. Tiddikjarahom xorta wahda, jekk imbghad jibqa ma' jhallsekx, imbghad hemm provizjoni biex tirkupraha lura. Imma dik xi haga sussegwenti.*' Mistoqsi mid-difiza '*Sur Scicluna, bhala fatt, ghax dawn il-kawzi .... flimkien. Ara naqblux li effettivament kien hemm numru ta' decizjonijiet fejn Kumpaniji li kienu fuq a cru... basis, hargu lliberati minn dawk l-istess tip ta' akkuzi.*' wiegeb '*Jekk jirrizulta hekk, iva.*' Mistoqsi '*U naqblu wkoll li efettivament id-Dipartiment imbghad, waqaf johrog dawn it-tip ta' akkuzi, fil-konfront ta' Kumpaniji li kienu on a cru... basis. Ta' frodi qed nitkellmu, biss.*' Wiegeb li le, id-dipartiment ma waqafx l-azzjoni tieghu. Mistoqsi '*Le, mhux waqqaf, ma' baqax johrog aktar akkuzi f'dan is-sens.*' Wiegeb '*Minhabba dik ir-raguni. U kien hemm ragunijiet ohrajn.*'

**PL Quentin Tanti** xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li xehed in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji li gew imharrka biex jaghtu informazzjoni dwar is-socjeta' kummercjali bl-isem ta' Cleanwell Services Ltd bin-numru ta' registrazzjoni C-19323 li kienet originarjament registrata taht il-Ligijiet ta' Malta fit-3 ta' Novembru, 1995. Spjega li dak iz-zmien kienet commercial partnership u sussgewenntement applikat biex tigi regolata mill-Companies Act u xehed li hemm id-dokumentazzjoni relattiva. Spjega li kien hemm bdil tal-memorandum and articles, mhux darba imma anke sussegwentement kien hemm xi darbtejn ohra. Ikkonferma li l-kumpanija ghada '*active*'. L-ahhar dokument li dahal kien Form K fejn Ms Caroline Le Brun bin-numru tal-karta tal-identita' 169977 irrizenjat minn Company Secretary b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003). Din giet ricevuta fir-Registru tal-kumpanniji fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Warajha hemm ittra minn Caroline Le Brun datata t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qed tikonferma li kienet irrizenjat minn Company Secretary ta' Cleanwell Servces Ltd fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003). Spjega li r-Registrar jacceta pero' mbaghad jaraw it-terzi persuni, jigifieri tkun b'effett ghal terzi. Spjega li l-ahhar dokument registrat kien il-Form K li dahal fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u mieghu

dahlet dik l-ittra ta' Caroline Le Brun. Id-dokument ta' qabel dahal fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena efejn u wiehed (2001). Qal li minn 95 huwa zmien ta' incorporation u giet inkorporata fit-tlieta (3) ta' November fl-ahhar tal-elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995). Spjega li fin-1995 kien hemm tlett (3) diretturi, Charles Le Brun bin-numru tal-karta tal-identita' 447452, Anna Le Brun bin-numru tal-karta tal-identita' 154653 kif ukoll Caroline Le Brun bin-numru tal-karta tal-identita' 169977(M). Spjega li dawk kienu t-tlett diretturi u sussegwentement il-kumpanija ghazlet li tigi regolata taht il-Companies Act u mhux taht il-Partnerships Ordinance. Anna le Brun irrizenjat minn Direttur bhala *effective date of change* fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) u l-Form K dahlet fir-registry fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000). Kien hemm transmission of shares minn Anna Le Brun ghal Charles Le Brun fl-ammont ta' 225 sehem. Din it-transmission of shares dahlet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) u mbghad kien hemm Form K ohra li dahlet fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fejn Caroline Le Brun irrezenjat, giet imnehhija minn Direttur tal-Kumpanija b'effective dat eo fhcange tkun il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001). Fl-istess gurnata fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) kien hemm Form K ohra, fejn Anna Le Brun giet imnehhija minn Segretarju tas-Socjeta' u Caroline Le Brun li giet imnehhija minn Direttur giet appuntata Segretarja. L-*effective date of change* kienet il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001). Jghid li wara dawn il-Form Ks gie prezentat memorandum and articles fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Ikkonferma li sal-2001 mid-date of incorporation is-Sur Charles Le Brun dejjem baqa' direttur tal-Kumpanija. Spjega li l-kambjamenti kienu li rrizenjaw Caroline u Anna, Anna baqghet barra u Cartoline minn Direttur saet Segretarja. Anna wkoll trasferiet l-ishma taghha. Bhala shareholders jidhru Charles Le Brun fl-ammont ta' 47475 shares u Caroline Le Brun b'25 shares u Company Secretary Caroline Le Brun. Kien hemm extraordinary resolution fejn il-memrandum and articles '*ha jigi substituted dak li qrajna*.' Fl-elfejn u ghaxra (2010) giet ricevuta Form K fejn Caroline Le Brun irrizenjat minn

Company Secretary pero' effective date il-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003). Ikkonerma li Charles Le Brun baqa' Direttur u majority shareholder u ghadu hekk sal-lum jigifieri sa meta xehed dan ix-xhud. L-Avukat difensur qal li mhux kontestat li kien Direttur. Id-dokument gie prezentat bhala Dok QT.

**Paul Scicluna** rega xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn spjega li '*Wara verifiki li ghamilt telfonikament jirrizulta li din il-Kumpanija kienet tahdem fuq a cru... basis*.' Ikkonferma li *invoice based* u li indipendentament jekk l-invoice tkun effettivament imhallsa jew le lil kummercjant. Ikkonferma li ma ghandux provi jekk effettivament l-invoices li dahlu fid-denunzja thallsux jew le.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. L-imputat huwa id-Direttur tas-Socjeta' Cleanwell Services Limited u dan mit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995). Fil-bidu kien hemm tlett (3) Diretturi u sussegwentement l-appellant baqa' l-uniku Direttur. Originarjament, din il-kumpannija kienet regolata regolata mill-Ewwel u t-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Commercial Partnerships Ordinance, 1962 salv fejn espressament eskluz jew varjat u sussegwentement b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) bdiet tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji;

2. Illi skont ma jirrizulta mill-applikazzjoni ghal registrazjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) immarkata bhala Dok PS1 a fol 43 et sequitur, isem l-applikant tnizzel bhala Charles Lebrun, isem in-negzoju tnizzel bhala 'Cleanwell Services' filwaqt li fis-sezzjoni dedikata ghal taghrif dwar in-negozju tnizzel li huwa sid uniku;

3. Illi d-denunzji prezentati quddiem l-Ewwel Qorti esebiti bhala Dok PS2 a fol 45 et sequitur, ilkoll jghajtu lil Cleanwell Services Ltd u huma iffirmati mid-Direttur;

4. Illi b'ittra datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006), Paul Scicluna f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talab lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-Charles Lebrun ghan-nom u f'isem is-socjeta' Cleanwell Services Limited peress li gew sottomessi numru ta' denunzji ossia *Value Added Tax returns* minghajr hlas jew b'*part payment* u dan ghal perjodi ta' bejn l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) sal-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004). Dan fl-ammont ta' sitta u tletin elf, hames mija u tmienja u tletin liri Maltin u tmienja u disghin centezmi (LM36,538.98), liema ammont jinkludi ukoll hlasijiet dovuti ghal CET mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998);

5. Illi l-appellant kien gie interrogat mill-Pulizija u rrilaxxa stqarrija fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007). Sussegwentement, kienu gew istitwiti l-proceduri b'citazzjoni fis-sitta (6) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, sejra fl-ewwel lok tikkunsidra f'liema vesti l-appellant gie akkuzat.

Mill-imputazzjoni jirrizulta li l-akkuza ta' misapproprjazzjoni inharget fil-konfront tal-appellant u ma hemm l-ebda indikazzjoni fl-istess imputazzjoni dwar li l-allegat reat gie kommess mill-kumpannija Cleanwell Services Limited u ghalhekk jekk l-appellant kienx qieghed jigi akkuzat minhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu ossia bhala Direttur tal-kumpannija Cleanwell Services Limited.

Jirrizulta li fil-*letter to prosecute* immarkata bhala Dok MC1 a fol 22 et sequitur, il-Kummissarju tal-Pulizija gie infurmat li '*Mr. Charles Lebrun for and on behalf of Cleanwell Services Limited, holder of Identity Card Number 447452 M residing at 'Laura / 3, Vjal il-*

*Qalbiena Mostin, Mosta, has submitted various Value Added Tax returns without payment or with part payment.*' Fl-istess ittra tnizzel li '*It is also suggested that the Director of Parterships be cites as a witness in this case in order to testify regarding the Directors of the said company, since it is this Office considered opinion that criminal proceedings are to be instituted against all Directors.*'

Meta xehed l-Ufficjal Prosekutur Maurice Curmi fis-seduta ta' nhar is-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Mela f' ittra datata erbgha u ghoxrin ta' Awwissu elfejn u sitta (26/08/2006), Paul Scicluna, fil-kapacita' tieghu ta' Ufficjal tal-VAT, tad-Dipartiment tal-VAT kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiprocedi kontra Charles Lebrun, li huwa l-imputat hawnhekk, bhala fil-kapacita tieghu bhala Direttur ta' Clenwell Services Limited, id card number 447452(M), minhabba li kien fi-snin precedenti kien issottometta returns tal-VAT, fejn iddikjara ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT, imma dan baqa' ma hallashomx....*'

Meta Paul Scicluna xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Mela, fl-24/08/2006, jiena, f'isem il-Kummissarju kont bghatt ittra lill-Pulizija dak iz-zminijiet sabiex jiehdu passi kontra Charles Le Brun li kien Direttur ta' Cleanwell Services Ltd*'. Spjega li '*Kont iffirmajt id-dokument f' isem il-Kummissarju, fejn kont tlabt lill-Pulizija jinvestigaw lil Charles Le Brun peress li kien Direttur tas-Socjeta Cleanwell Services Ltd minhabba l-fatt li kien dahhal xi denunzji imma ma' hallashomx.*'

Din il-Qorti tinnota li fl-applikazzjoni ghal registrazzjoni tal-VAT prezentata a fol 43 u mmarkata bhala Dok PS1 bhala isem l-applikant tnizzel Charles Lebrun filwaqt li 'Cleanwell Services' tnizzel bhala l-isem tan-negozju. Fil-pagna sussegwenti, fil-parti iddedikata ghal taghrif dwar in-negozju, bhala xorta ta' negozju giet immarkata l-kaxxa fejn hemm imnizel 'Sid Uniku.' Din il-formola hija datata i-sisttax (16) ta' Ottubru tas-senna elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) filwaqt li mid-dokumentazzjoni prezentata mill-Prokuratur Legali Quentin Tanti fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) din il-kumpannija registrata fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) kienet regolata mill-Ewwel

u t-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Commercial Partnerships Ordinance, 1962 salv fejn espressament eskluz jew varjat u sussegwentement bdiet tigi regolata mill-Att dwar il-Kumpanniji mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998). Jirrizulta li originajament kien hemm tlett (3) Diretturi u li skont il-Memorandum of Association li waslet ghand ir-Registru tal-Kumpanniji it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001) l-appellant kien umbghad l-uniku direttur tal-kumpannija.

Jirrizulta li minkejja li skont l-applikazzjoni ghal registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud isem l-applikant giet indikat bhala Charles Lebrun, id-denunzji prezentati bhala Dok PS2 a fol 45 et sequitur jindikaw lil Cleanwell Services Limited fil-parti ta' fuq filwaqt li gew iffirmati mid-Direttur. Mill-*letter to prosecute* jirrizulta car li l-intenzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi kienet li l-proceduri jigu istitwiti fil-konfront tal-appellant fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' Cleanwell Services Ltd u ghalhekk jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi kien qieghed jirrikonoxxi lil din il-kumpannija bhala responsabbli ghall-allegat reat ta' misapprorjazzjoni tant li kien anke kieteb li '*It is also suggested that the Director of Partnerships be cited as a witness in this case in order to testify regarding the Directors of the said company, since it is this Office considered opinion that criminal proceedings are to be instituted against all Directors*'.

Minkejja dan, jirrizulta li l-akkuza hi karenti minn kwalunkwe indikazzjoni li l-appellant kien qieghed jigi mharrek biex iwiegeb ghal reat kommess minn Cleanwell Services Limited. L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-artikolu 121D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Meta reat taħt dan it-titolu ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-imsemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is- segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista'jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*Iżda meta l-imsemmija persuna ma tkunx għadha vestita bir-rappreżentanza legali, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-rappreżentanza legali għandha tiġi vestita fil-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga minflokha jew f'dik il-persuna kif imsemmi f'dan l-artikolu.*'

Ghalhekk jirrizulta li l-legislatur ried li jkun hemm distinzjoni bejn responsabbilta' fil-kapacita personali u r-responsabbilta' vikarja ta', f'dan il-kaz Direttur tal-kumpannija. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Spettur Colin Sheldon vs Jeffrey Vella**'[2] fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:

'*Illi fil-kaz in desamina pero' lanqas ma gie provat li in effetti l-fond Toro, Paceville Avenue, Paceville hu gestit minn din il-persuna barranija. Il-Qorti hija rinfaccjata biss b'applikazzjoni mal-VAT iffirmata minn pesuna barranija pero' ghan-nom tas-socjeta' Valuru Company Limited. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ghamlet tajjeb li ressqet lill- appellant odjern bhala Direttur tas-socjeta' Valuru Company Limited u dan ghaliex qua Direttur tas-socjeta' (u dan mhux*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2018 (Appell Nru: 322/2018)

*kontstat) jibqa' resposnabbli ghall-gestjoni taghha salv jekk ma jipprovax kif rikejst bl-artikolu 13 tal-Intepretation Act li huwa ha l-mizuri kollha biex jevita' li jkun hemm xi nuqqas minn naha tieghu. Illi dwar ir-responsabbilta' vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:*

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat iddiliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

*Dan ifisser allura illi r-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l- appellat fil-fatt jigi iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu* ***personali u li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu bhala ufficjal/direttur tal-korp.*** *Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huwa kien id-direttur, jew ufficjal tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huwa allura qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.*' (Emfazi u sottolinear mizjud)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Patrick Vella'**[3] gie kkunsidrat li:

***'Illi dwar l-ewwel aggravju, dejjem gie ritenut fil- gurisprudenza li c-citazzjoni kull ma hija, hu "avviso a comparire" u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ssemmi car il- persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l- importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-***

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Awwissu, 2006 (Appell Kriminali Numru. 119/2006)

***<u>citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat</u>.* (App. Krim.** *"Il- Pulizija vs. Ignatius Joseph Fenech"*[4] ***u ohrajn)***

***Illi f' dan il-kaz ma hemmx l-icken dubju li l-akkuza tirriferi ghall-akkuzat u cioe' l-appellant odjern, li gie indikat bl-aktar mod car fil-parti tal-komparixxi li turi lil min giet indirizzata. Ghalhekk hawn no si tratta ta' akkuza b' isem zbaljat kif qed jissottometti l-appellant. Jekk hemm dicitura infelici, din tinstab fil-korp tal- ewwel imputazzjoni u mhux fil-konnotati tal-appellant li kontra tieghu inharget ic-citazzjoni.***

***Fil-korp tal-komparixxi umbaghad jinghad li l- appellant bhala direttur u persuna li ghandu r- responsabbilta' tal-istabiliment " 'Marineland Ltd.,Leisure and Theme Park' sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq" kien naqas milli jaghmel dak li jissemma fl-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien Direttur tas-socjeta' Marineland Limited sa mill-1 ta' Jannar, 2003 kif del resto jidher mill-kopji awtentici tal-Memorandum and Articles of Association esebiti fil-process (fol. 7) u cioe' dan fil-periodu rilevanti ghall-akkuzi in meritu. Illi fl-istess Memorandum insibu li l-indirizz tar-registered office tas-socjeta' kien "Leisure and Theme Park, White Rocks , Bahar ic-Caghaq." Bhala Direttur tas- socjeta' Marineland Limited li ghandha l-indirizz taghha proprju fil-Leisure and Theme Park ta' Bahar ic-Caghaq, l-appellant zgur li ma setax jitfixkel dwar in-natura tal-imputazzjonijiet li kellu jiddefendi ruhu dwarhom.***

***Illi hu minnu li proprjament fil-komparixxi jmissu intuzat id-dicitura korretta legalment u cioe' "...bhala direttur tas-socjeta' Marineland Ltd, u persuna li ghandek ir-responsabbilta' ta' l-istabiliment bl-isem Leisure and Theme Park sitwat White Rocks, Bahar ic- Caghaq"' minnflok dik adoperata fit-test tal- komparixxi , pero' dan bl-ebda mod ma jirrendi l- komparixxi nulla jew bla effett u l-appellant ma setax ikollu l-icken dubju ta' x' hiex kien qed jigi akkuzat u f' lierma mansjoni kien qed jigi***

---

[4] Deciza fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006)

***hekk akkuzat, b' mod li zgur li ma kien bl-ebda mod impedut milli jiddefendi ruhu.***

***Illi umbaghad ir-responsabbilta' kriminali ghal reat li jsir minn korp jew ghaqda ta' persuni, tad-diretturi u ufficjali ta' socjetajiet kummercjali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili fejn diretturi qabel kien jigu w issa jistghu jigu mharrka in rapprezentanza ta' korpi guridici bhal ma hija socjeta' kummercjali, skond l-art. 13 tal-Interpretation Act (Kap.249). Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputat jigi citat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabilta' vikarja tieghu bhala ufficjal, direttur tal-korp, u li mill-provi mbaghad jirrizulta li hu kien direttur, jew ufficjal tal-korp ta' persuni bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li hu qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.'*** (Data tas-sentenza citata fis-sentenza tinsab fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Carmel Spiteri' detentur tal-karta ta' l-identita' numru 46150G'</u>**[5],gie kkunsidrat li:

*' Illi mhemmx dubbju li d-denunzji msemmija saru mill-kumpanija ta' Spiteri u mhux f'ismu personali. Kif jirrizulta mill-Applikazzjoni Ghar- Registrazzjoni ghal VAT <u>hi Tal-General Co. Ltd., bin-numru ta' registrazzjoni C-24528, li kienet obbligata bil-ligi taghmel il-hlas dovut skond l-istess Att Dwar il-Valur Mizjud.</u>[6] Fil-fatt kienet <u>Tal-General Co. Ltd.</u>, bil-VAT number MT15430535, li kienet pprezentat diversi denunzji ta' taxxa akond l-artikolu 27 tal-Att Dwar il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema denunzji huma oggett ta' dawn il-*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Jannar, 2018 (Kumpilazzjoni numru: 943/2010)

[6] Dok.CA1 a fol.27 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta (6) fis-sentenza citata)

*proceduri galadarba hu allegat li l-flejjes hekk denuncjati baqghu ma ghaddewx lid-dipartiment!*[7]

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et" fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:[8]

*"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:*

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

*Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici*[9]*:-*

---

[7] Dok. CA3 a fol.31 et seq. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata).
[8] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)
[9] Deciza fis-26 ta' Mejju, 1995

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l- artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

*Izda:*

*"....meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.[10]"*

*Preliminarjament stabbiliti dawn il-principji ta' dritt jigi osservat li minkejja li l-letter to prosecute tindika li l-imputat kellu jigi akkuzat minhabba r-responsabbilta vikarja tieghu, l-akkuza kontestata hi karenti minn kwalunkwe indikazzjoni li Spiteri qed iwiegeb ghal reat kommess minn Tal-General Co. Ltd. Ma hemm xejn li jindika li hu gie mharrek minhabba r-responsabilita` vikarja tieghu fir-rigward tal-kumpanija, Tal- General Co. Ltd., liema kumpanija naqset milli taderixxi mal-obbligi impost fuqha bl-Att Dwar il-Valur Mizjud.'* (Data tas-sentenza citata fis-sentenza tinsab fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

Ikkunsidrat;

---

[10] Appell Inferjuri: Il-Pulizija vs Patrick Vella; Deciza 31/08/2006 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

Jirrizulta li ghalkemm permezz tal-*letter to prosecute*, il-Kummissarju tat-Taxxi kien qieghed jinforma lil Kummissarju tal-Pulizija li '*Mr. Charles Lebrun for and on behalf of Cleanwell Services Limited, holder of Identity Card Number 447452 M residing at 'Laura / 3. Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, has submitted various Value Added Tax returns without payment or with part payment.*', ic-citazzjoni inharget kontra Charles Le Brun f'ismu personali, tant li minn imkien fic-citazzjoni ma hemm indikat li l-appellant kien qieghed jigi mharrek fil-kapacita tieghu ta' Direttur, ossia b'hekk imsejha responsabbilta' vikarja.

Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li ghalkemm l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud isem l-applikant gie indikat bhala Charles Lebrun, id-denunzji prezentati huma kollha f'isem Cleanwell Services Ltd iffirmati minn C. Lebrun jew Charles Lebrun fil-kariga ta' Direttur. Mix-xhieda ta' Paul Scicluna mid-Dipartiment tal-VAT jirrizulta li kien qieghed jintalab li '*jinvestigaw lil Charles Le Brun peress li kien Diirettur tas-Socjeta Cleanwell Services Ltd minhabba l-fatt li kien dahhal xi denunzji imma ma' hallashomx.*' Ghalhekk jekk id-dipartiment tal-VAT ried li tigi investigata l-kumpannija, ic-citazzjoni ghalkemm 'avviso a comparire' kelha tindika li l-appellant kien qieghed jitressaq minhabba r-responsabbilta' vikarja tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li anke jekk *se mai* kellha tirrizulta xi forma ta' misapproprjazzjoni, ma tressqet l-ebda prova li dan l-att ta' misapproprjazzjoni sehh mill-appellant f'ismu personali u mhux mill-kumpannija Cleanwell Services Ltd qua Direttur taghha tant li ghalkemm l-applikazzjoni ghal VAT hija f'isem l-appellant, id-denunzji prezentati ghal perjodu in kwistjoni huma f'isem il-kumpannija Cleanwell Services Limited u ffirmati qua direttur u ghalhekk l-appellant ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. In vista ta' dan hawn ikkunsidrat u mqajjem minn din il-Qorti ex officio, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fl-appell tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u fejn ikkundannatu ghal sentejn prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin ai

termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tirrevoka ukoll fejn ai termini tal-artikolu 28H[11] tal-Kapitolu 9 ordnat lil appellant ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin elf, mija u tnax-il Ewro u tlieta u disghin centezmu (€85,112.93) – ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u tletin elf, hames mija u tmienja u tletin Lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (LM36,538.98) lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur fi zmien sebat' (7) ijiem u qieghda tilliberah minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

11 Li l-ewwel Qorti b'lapsus calami indikat bhala l-artikolu 28(H)